MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 177/2005

Kawza fil-lista: 24

**Anthony Azzopardi u Carmel sive Charles Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem Azzopardi Fisheries**
**Vs**
**Ta' Xbiex Les Lapins Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici versu l-atturi fis-somma ta' sebgha u tletin elf, tlett mija u tnejn u tmenin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm37,382.22) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' hut lilha mibjugh u kkonsenjat liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Peress illi s-socjeta’ konvenuta nonostante li giet interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Peress illi fil-fehma tal-atturi s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.

Tghid ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti,

1. Tiddeciedi bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ Lm37,382.22 rapprezentanti prezz ta’ hut lilha mibjugh u kkonsenjat.

Bl-imghaxijiet kummercjali mit-18 ta’ Dicembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------